# Postijiet għat-tfal fl-iskejjel tal-Knisja fl-Ewwel Sena Kindergarten

F'Novembru 2015 saru l-applikazzjonijiet skont l-Ewwel Kriterju għad-dħul fl-iskejjel tal-Knisja għas-sena skolastika 2016-2017. Hawn taħt se nagħtu rendikont ta' kemm applikaw u kemm baqa' postijiet vakanti għall-Ewwel Sena Kindergarten.

## L-Ewwel Sena Kindergarten Subien

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten subien huwa ta' sebgħa u tmenin (87) post.

Għall-ewwel sena kindergarten subien kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---:|
| *1b Aħwa* | 52 |
| *1ċ Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 5 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 1 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju subien* | **58** |

Għal tlett skejjel kellna applikazzjonijiet ta' żewġ subien għal kull skola bil-kriterju tal-aħwa aktar milli kellna post għalihom. Għalhekk naqqasna sitt postijiet minn tal-bniet u żidnihom ma' tas-subien. Dan ġab it-total ta' postijiet għas-subien għal total ta' tlieta u disgħin post (87+6=93).

Meta mit-total ta' postijiet vakanti (93) innaqqsu n-numru ta' postijiet okkupati (58), dan iħalli total ta' ħamsa u tletin (35) post vakant.

Infakkru li jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos. Fost l-applikanti oħra jkun hemm ukoll aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir/a j/tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa. Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**

### L-Ewwel Sena Kindergarten Bniet

Skont ir-Regolamenti t-total ta' postijiet vakanti għall-ewwel sena kindergarten bniet huwa ta' mija u tnax-il post (112).

Għall-ewwel sena kindergarten bniet kellna dan it-total ta' applikanti:

| ***Kriterju*** | **Applikanti** |
|---|---|
| *1b Aħwa* | 43 |
| *1ċ Tfal ta' Impjegati fi skejjel tal-Knisja* | 3 |
| *Tfal tal-ewwel kriterju li applikaw bħala Każijiet Serji* | 1 |
| *Total ta' applikanti tal-ewwel kriterju bniet* | **47** |

Għal tlett skejjel kellna applikazzjonijiet ta' żewg subien għal kull skola bil-kriterju tal-aħwa aktar milli kellna post għalihom. Għalhekk naqqasna sitt postijiet minn tal-bniet u żidnihom ma' tas-subien. Dan ġab it-total ta' postijiet għall-bniet għal total ta' mija u sitta (112-6=106). Meta mit-total ta' postijiet vakanti (106) innaqqsu n-numru ta' applikanti (47), dan iħalli total ta' disgħa u ħamsin (59) post vakant.

Infakkru li jiġu aċċettati xi każijiet serji skont it-tielet kriterju, għalhekk it-total ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos. Fost l-applikanti oħra jkun hemm ukoll aħwa li qed japplikaw għall-istess sena (p.eż tewmin) jew għal snin tad-dħul differenti (Para. 3.1). Meta wieħed minn dawn l-aħwa jirreġistra fi skola, iż-żgħir/a j/tikkwalifika skont il-Kriterju tal-Aħwa.  Dan ifisser li n-numru ta' postijiet vakanti jerġa' jonqos skont kemm ikun hemm minn dawn l-aħwa.

### Konklużjoni

Minkejja l-attenzjoni kollha sabiex il-figuri maħruġin ikunu korretti, jistgħu jirriżultaw xi ineżattezzi minħabba ċirkustanzi li ma għandniex kontroll fuqhom. Fi ftit każijiet għad jonqos xi dokumentazzjoni li għad trid tiġi preżentata. Għalhekk jista' jirriżulta xi tibdil fin-numri ta' postijiet vakanti. Jekk jiġri dan il-Bord tad-Dħul jinforma lil dawk kollha konċernati.

Il-Bord tad-Dħul Skejjel tal-Knisja
29 ta' Jannar 2016

**Kurja tal-Arċisqof**
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

**Indirizz Postali**
16, Il-Mall,
Floriana, FRN 1472, Malta

**Tel.** +356 2779 0060
**Email.** admissions@maltadiocese.org
**www.thechurchinmalta.org**